

# RADJU MARIJA

102.3FM/107.8FM

## Programmi - Ħarifa 2023

# "Todos, todos, todos"

## ( Kulħadd, kulħadd, kulħadd )

Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni
Radju Marija (Malta)
Nru 105 - VO/1584
Ottubru - Diċembru 2023

Skeda Ġdida Paġna 6-7

Radju Marija miegħek 24/7 - www.radjumarija.org/listen-live

# Todos, todos, todos...



"Din hija l-frażi li l-Papa Franġisku qal liż-żgħażagħ miġbura għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ u talabhom biex kulħadd jirrepetiha għal tliet darbiet, kulħadd bil-lingwa tiegħu. Kulħadd, kulħadd, kulħadd.

Radju Marija hekk beda! Biex ikun għal kulħadd, biex kulħadd ikun jista' jitlob u jisma' l-Kelma t'Alla u biex kulħadd isib il-faraġ tiegħu fih. Wara għaxar snin ta' Radju Marija fl-Italja biss, l-istazzjoni fetaħ għad-dinja kollha biex ikompli jkun tassew għal kulħadd, għal nies ta' kull ġens u ta' kull kontinent.

Iva! Għax il-messaġġ ta' salvazzjoni huwa għal kulħadd u wieħed ma jistax iżommu għalih. Għalhekk ħafna jgħinuna bil-ħin, bid-donazzjonijiet u bis-sagrifiċċji, għax is-sabiħ trid taqsmu mal-oħrajn.

Jien inħoss li Todos - Todos - Todos jaqbel mal-kliem Penitenza - Penitenza - Penitenza, li l-Madonna talbet ġewwa Lourdes u irrepetit ġewwa Fatima. Inħoss ukoll li dan jaqbel mal-kliem li l-Verġni Mbierka tirrepeti ta' spiss ġewwa Medjugorje, Itolbu - Itolbu - Itolbu, flimkien mal-kliem Paċi - Paċi - Paċi. Mhux ta' b'xejn li Ommna Marija għażlet li tissejjaħ Sultana tal-Paċi.

Għeżież semmiegħa ta' Radju Marija, inħeġġiġkom biex tibqgħu ssostnu lil din il-knisja fid-djar tagħkom biex twassal sens ta' sagrifiċċju, talb u ħafna paċi għal todos, todos, todos.

Ave Marija.

Fr Antoine Borg
*Direttur Radju Marija Malta*

# IL-KALENDARJU L-ĠDID TA' RADJU MARIJA
## MALTA 2024







It-tema tas-sena 2024 hija
**TITLI MARJANI.**

Kalendarju b'ritratti mill-isbaħ, b'informazzjoni mis-sena liturġika, spazju għan-noti, faċli biex issegwi.

Għin lil Radju Marija u ixtri dan il-kalendarju bi prezz ta **€3.50** minn Radju Marija u ħwienet oħra ewlenin, jew żid **€1.50** jekk tixtieq tirċevih bil-posta.

Din is-sena għandna offerta speċjali!! Ma' kull 10 kopji li tixtri, tieħu wieħed B'XEJN!! Ħeġġeġ lil tal-familja, kollegi jew ħbieb fil-parroċċa.

***Għal aktar dettalji ċempel 21453105 jew ibgħat imejl fuq info.mal@radiomaria.org***

# L-ASSOĊJAZZJONI RADJU MARIJA

Radju Marija Malta jifforma parti mill-World Family of Radio Maria (WFRM) li hija mifruxa f'aktar minn 80 pajjiż madwar il-kontinenti kollha. Bħal kull Radju Marija ieħor madwar id-dinja, Radju Marija Malta huwa mmexxi mill-Assoċjazzjoni Radju Marija (ARM).




L-ARM hija ffurmata minn madwar 20 voluntiera li għandhom għal qalbhom ir-Radju u dawn jiltaqgħu mill-inqas darba fis-sena għall-Laqgħa Ġenerali Annwali. Minn dawn il-membri, kull tliet snin jinħatar Bord Direttiv li minnu jiġi elett President. Il-Bord Direttiv jiltaqa' mill-inqas darba fix-xahar ma' Fr Antoine Borg bħala d-Direttur u fil-laqgħat jiġi diskuss l-andament tar-Radju u l-ħidma li jkun hemm bżonn issir. Bħalissa l-membri fil-Bord Direttiv huma Ms Bridget Micallef li hija wkoll il-President attwali, Ms Rosalba Ebejer Catania li hija s-Segretarja tal-Bord u tal-ARM, Dr Mark Busuttil, Ms Rita Mifsud u Mr Jude Muscat. Il-membri kollha tal-ARM huma lkoll voluntiera u ma jieħdu ebda tip ta' remunerazzjoni.

Huwa minnu li Radju Marija mhuwiex radju kummerċjali iżda xorta waħda għandu obbligi legali u finanzjarji bħal kull stazzjon ieħor f'Malta, għalhekk kull min għandu sehem fit-tmexxija tar-Radju għandu responsabbiltà kbira lejn is-semmiegħa u l-awtoritajiet.

# L-ISTAFF TA' RADJU MARIJA

L-Assoċjazzjoni Radju Marija timpjega lill-ħaddiema tar-Radju u tieħu ħsieb tara li l-ħidma fir-Radju tkun koerenti ma' dak li titlob il-WFRM. Il-President u d-Direttur jiltaqgħu ta' kull ġimgħa mal-Koordinatur tar-Radju, Ms Marvin Mansueto biex jaraw x'hemm bżonn isir fir-Radju. Fost affarijiet oħra, il-Koordinatur tieħu ħsieb l-aspetti kollha finanzjarji tal-istazzjon, tieħu ħsieb l-immaniġjar tar-radju, kif ukoll torganizza attivitajiet barra mir-radju u tikkrea attrazzjonijiet biex tilħaq udjenza vasta ta' semmiegħa u tressaq aktar nies biex jagħmlu parti mill-familja ta' Radju Marija.

Id-Direttur Editorjali huwa Fr Antoine Borg li flimkien miegħu nsibu lill-Assistenti Edituri Mr Albert Brincat u Ms Joan Sammut li jieħdu ħsieb l-andament tal-iskeda tal-programmi, il-komunikazzjoni mad-diversi mistednin,



li tikkoordina mad-dipartimenti kollha tal-istazzjon skont il-bżonnijiet ta' kuljum.

Ms Moira Bugeja hija l-Amministratur tal-istazzjon. Hija tassisti lis-semmiegħa fl-avviżi u d-donazzjonijiet, tieħu ħsieb l-andament tal-'bookshop', tikkoordina mad-diversi voluntiera u tassisti f'kull qasam ieħor amministrattiv. Id f'id mal-Koordinatur u l-Amministratur insibu lil Ms Maria Mifsud Lewis li hija l-Promotur ta' Radju Marija. Hija tieħu ħsieb li tippromwovi l-istazzjon fl-oqsma kollha tiegħu - tilqa' lid-diversi voluntiera, tieħu ħsieb il-mezzi tal-midja soċjali, fost ħafna affarijiet oħra fil-qasam editorjali. L-uffiċjali tekniċi, Mr Saviour Chircop (uffiċjal tekniku għoli), Mr Darren Gatt u Mr Emilio Farrugia, jieħdu ħsieb it-trażmissjonijiet diretti, l-irrekordjar u l-editjar tal-programmi, avviżi u talb, u kull aspett tekniku ieħor fl-istazzjon. Huma nkarigati wkoll li jaraw li t-tagħmir kollu jaħdem bl-aħjar mod u kif dejjem itejbu l-kwalità tax-xandiriet.

Ilkoll flimkien, l-istaff ta' Radju Marija Malta jaħdem b'għan wieħed - dak li jservi lis-sid ta' dan l-istazzjon - Sidtna Marija Santissima.

RADJU MARIJA 102.3FM/107.8FM

# Skeda Programmi Ħarifa 2023
## *(Ottubru - Diċembru 2023)*

| ĦIN | IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT | IL-ĦADD |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7.00am | Rużarju, Quddiesa u Anġelus | | | | | | (7.30am) Jum il-Mulej |
| 8.05am | Kuntatt, Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi | | | | | | (8.15am) Tifħir ta' Sbieħ il-Jum |
| 9.00am | Lectio Divina / Milli Qrajt / Ikompli Kuntatt | | | | | | (8.40am) Vanġelu Ħaj |
| 9.30am | | Għalik kollox | | | | | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt) |
| 10.00am | Ikompli Kuntatt | Mid-Direttur | Ikompli Kuntatt | | | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca | Quddiesa |
| 10.30am | | | | | | | |
| 11.00am | Confessio | Il-Kmandamenti f'tagħlim San Tumas t'Akwinu | Ftit minn kollox | Nibnu u ngħixu kultura tal-ħajja | L-Aħħar Qatra | Mid-Djarju tal-Papa (rpt) | Kireh u Bileh (rpt) |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju | | | | | | |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Mikiel |
| 1.00pm | Klassiċi u Sagri (rpt) | Mal-Melodija Maltija | Tifkiriet ta' Nostalġija | L-Armonija fl-għanja Nisranija | Għannu lil ismu | Magazine | Cinema Paradiso |
| 2.00pm | Jien hu l-Ħobż tal-Ħajja | Qari - Il-Ġurnal tar-ruħ | Qari - Flaġelli ta' żmienna u t-Tmiem | Il-Miraklu ta' Radju Marija | (2.10pm) Qari - Dun Alfred Gatt | | Ħadd Kumpanija |
| 2.30pm | | Relazzjonijiet | Il-martri tal-imħabba | Relazzjonijiet | | | |
| 3.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30pm | Omelija mill-Arċidjoċesi ta' Malta | | | | | Riflessjonijiet | Ħadd Kumpanija (ikompli) |
| 4.00pm | Fl-iskola ta' San Piju | Leħen il-magħzul | Il-Lajċi, vokazzjoni u missjoni | Mid-Djarju tal-Papa | Kont marid u ġejtu żżuruni | Kireh u Bileh | |
| 5.00pm | Fil-klassi tad-Duttrina | Ejjew għandi..u jien inserraħkom | Għal ħajja aħjar | Art li tnixxi ħalib u għasel | Nara, nisma' u nikkumenta | Għandi lilek, għandi kollox | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati |
| 5.30pm | Lectio Divina / Milli Qrajt (rpt) | | | | | | |
| 6.00pm | Anġelus u Rużarju | | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5.30pm | Lectio Divina / Milli Qrajt (rpt) | | | | | kollox | ppersegwitati |
| 6.00pm | Anġelus u Rużarju | | | | | | |
| 6.30pm | Quddiesa | | | | | | Il-Qrar ifejjaq l-imrar |
| 7.10pm | Għasar | | | | | | |
| 7.25pm | Aħbarijiet minn Radju Vatikan | | | | | Fjuretti ta' San Franġisk | Qari Skrittura |
| 7.40pm | In-Novena | | | | | | |
| 8.00pm | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati (rpt) | Ejjew u taraw...Marru u raw | Ara Ommok | Mis-Swali tal-Kunċerti | Ngħix dak li nemmen | Vanġelu Ħaj | Magazine (rpt) |
| 9.00pm | Inbid Ġdid | Kun il-ferħ u l-hena ta' ħajti | Għajn ta' Ġid | Tifħir u glorja | Vuċi Missjunarja | Klassiċi u Sagri | |
| 9.30pm | | | | Profili | | | |
| 10.00pm | Rużarju, Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi, Eżami tal-ġurnata u Kompieta | | | | | | |
| 11.00pm<br>11.30pm | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca (rpt) | Confessio (rpt) | Il-Kmandamenti f'tagħlim San Tumas t'Akwinu (rpt) | Fanal għal riġlejja (Lectio Divina) rpt | Mid-Direttur (rpt) | Nibnu u ngħixu kultura tal-Ħajja (rpt) | Jum il-Mulej (rpt) |
| | **IT-TLIETA** | **L-ERBGĦA** | **IL-ĦAMIS** | **IL-ĠIMGĦA** | **IS-SIBT** | **IL-ĦADD** | **IT-TNEJN** |
| 12.00am | Mis-Swali tal-Kunċerti (rpt) | Cinema Paradiso (rpt) | Jien hu l-ħobż tal-Ħajja (rpt) | Mal-Melodija Maltija (rpt) | Għannu lil ismu (rpt) | L-Armonija fl-Għanja Nisranija (rpt) | Tifkiriet ta' Nostalġija (rpt) |
| 1.00am | Profili (rpt) | Qari Skrittura (rpt) | Fil-klassi tad-duttrina (rpt) | Il-martri tal-Imħabba (rpt) | Għal ħajja aħjar (Taħdita minn Kuntatt) | Art li tnixxi ħalib u għasel (rpt) | Qari - Il-Ġurnal tar-ruħ (rpt) |
| 1.30am | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju ta' San Ġużepp u Novena | Rużarju tal-Erwieħ u Novena | Rużarju tad-Duluri u Novena | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju tal-Erwieħ u Novena |
| 2.00am | L-Aħħar Qatra (rpt) | Għandi lilek, għandi kollox (rpt) | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati (rpt) | Leħen il-magħħżul (rpt) | Il-Kmandamenti f'tagħlim San Tumas t'Akwinu (rpt) | Vuċi Missjunarja (rpt) | Ngħix dak li nemmen (rpt) |
| 3.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30am | Qari - Dun Alfred Gatt (rpt) | Nara, nisma' u nikkumenta (rpt) | Il-Qrar ifejjaq l-imrar (rpt) | Qari - Flaġelli ta' żmienna u t-Tmiem (rpt) | Għalik kollox (rpt) | Ejjew għandi.. U jien inserraħkom (rpt) | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt) |
| 4.00am | Rużarju | | | | | | |
| 4.30am | Magazine (rpt) | Kont marid u ġejtu żżuruni (rpt) | Fl-iskola ta' S.Piju ta' Pietrelcina (rpt) | Kun il-ferħ u l-hena ta' ħajti (rpt) | Ftit minn kollox (rpt) | Ejjew u taraw...Marru u raw (rpt) | Vuċi Missjunarja (rpt) |
| 5.30am | | Fanal għal riġlejja (Lectio divina) | Inbid Ġdid (rpt) | Għajn ta' Ġid (rpt) | Il-Lajċi, vokazzjoni u missjoni (rpt) | Tifħir u glorja (rpt) | Ara Ommok (rpt) |
| 6.00am | | | | | | Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika | |
| 6.30am | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju tal-Erwieħ |

**Radju Marija jirriserva d-dritt li jbiddel xi programmi minn din l-iskeda fiż-żmien li tkun qiegħda tixxandar minħabba ċirkustanzi li ma jkollux kontroll fuqhom.

# *Programmi Ġodda fl-iskeda tal-Ħarifa 2023*




## Il-Martri Tal-Imħabba

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Graziella Zammit u Patri William Bartolo OFMConv*

Min inti San Massimiljanu Kolbe?
Kieku kellna nistaqsuh din il-mistoqsija, konna noħorġu diżappuntanti. B'umiltà, kien jgħidlina li l-importanti hu li nsiru nafu lill-Immakulata Kunċizzjoni. Dan il-qaddis ħadem biex bl-armata tal-Immakulata jressaq lid-dinja lejn Alla permezz ta' Marija. Graziella, flimkien ma' Patri William Bartolo OFMConv ser iwasslu sensiela ta' programmi bl-isem: 'Il-Martri tal-Imħabba', titlu li San Ġwanni Pawlu II ta lil dan il-qaddis. Ser jinqraw siltiet dwar ħajjet il-qaddis, b'diskussjoni relatata wara kull silta.

## Nara, Nisma u Nikkummenta

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Joe Micallef*




F'din is-serje ta' programmi, il-preżentatur jippreżentalna siltiet mill-kitbiet tiegħu dwar diversi temi tal-ħajja ta' madwarna, reliġjuzi u soċjali. Nisimgħu aħbarijiet u kummenti dwar ġrajjiet li qed iseħħu jew seħħew fil-Knisja Kattolika u fis-soċjetà, il-valuri li għandna nibnu ħajjitna fuqhom u l-koerenza fil-ħajja nisranija. Dawn is-siltiet ser ikunu mżewqin b'mużika tul il-programm. L-awtur jara, jisma' u josserva dak li jkun qed jiġri, u wara jħażżeż il-ħsibijiet tiegħu li issa se jaqsam mas-semmiegħa tul din is-serje ta' programmi.

## Il-Lajċi - Vokazzjoni u Missjoni

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Anthony Saliba*




It-tema tal-lajċi nsara hija waħda mill-aktar temi b'letteratura vasta f'diversi pajjiżi. F'din is-sensiela, Anthony Saliba ser jinseġ flimkien l-istorja tal-Knisja, it-tagħlim tal-Maġisteru speċjalment dak l-aktar reċenti, l-esperjenza tal-lajċi tul is-sekli uħud minnhom qaddisin, ir-rwol uniku ta' Marija fl-apostolat tal-lajċi, u l-kuntest ta' pajjiżna li fih il-lajk huwa msejjaħ sabiex iwettaq il-missjoni tiegħu.



## Ċinema Paradiso

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Glenn Mercieca u Deborah Ebejer*

F'din is-sensiela ser jiġu diskussi temi soċjali tal-fidi kattolika mill-lenti tad-dinja ċinematografika. Glenn u Deborah ser jippreżentaw tema f'kull programm u jiddiskutuha permezz ta' film magħżul apposta li jwassal il-messaġġ ta' dik it-tema magħżula.

## Flaġelli taż-Żmienna u t-Tmiem

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Joe Micallef*

Joe Micallef ser jitratta dwar is-suġġett tal-Eskatoloġija jiġifieri l-mewt, il-ħsieb tal-eternita', il-ġudizzju t'Alla, il-qawmien, it-tieni miġja ta' Ġesù, id-dehra tal-antikrist, dejjem b'riferenza għat-tagħlim tal-Iskrittura u l-Knisja. Dan ser jagħmlu b'referenza mill-ktieb ta' Mons Anton Gauci "It-Tmiem u Wara".





## Kun Il-Ferħ u l-Hena ta' Ħajti

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Norbert Agius, president tal-Fergħa Ewkaristika*

F'din is-sensiela ser tkun ippreżentata l-kariżma li rċieva s-Superjur Ġorġ Grima u li qasam mal-poplu Malti. Fost l-oħrajn ser insiru nafu min kien is-Superjur Ġorġ Grima, kif beda l-opra tiegħu tal-Fergħa Ewkaristika u ta' Ulied Marija Ewkaristika, l-imħabba tiegħu lejn l-Ewkaristija, x'għamel biex ppropaga l-imħabba fost il-poplu u l-isfidi biex saru ċ-ċentri tal-Marsa u ta' Ħaż-Żebbuġ. Ser ikunu intervistati diversi persuni li flimkien mas-Superjur ħadmu biex din l-opra ta' Alla timxi 'l quddiem.

## Ngħix Dak Li Nemmen?

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Jacqueline Pace flimkien mal-mistieden permanenti Joe Farrugia*

"It-twemmin li nistqarr meta ngħid l-Kredu nafu. Imma dak li hemm f'moħħi, ħallejtu jinżel f'qalbi u jibdilli ħajti? Inkella x'jiswieli ngħid li nemmen li Alla jeżisti? Forsi mhux ix-xitan ukoll jemmnu dan?" Matul din is-sensiela, ser niflu l-istqarrija tal-fidi tagħna, u nagħmlu lilna nfusna din il-mistoqsija, "Ngħix dak li nemmen?"



## Leħen il-Magħżul

*Produzzjoni u preżentazzjoni tal-Familja Curmi Cassar*

Permezz ta' intervisti, il-Familja Curmi Cassar ser jaqsmu mas-semmiegħa l-esperjenza sabiħa tal-ħajja ta' diversi saċerdoti u reliġjużi u kif iwettqu l-appostolat tagħhom fil-komunità.





## Art Li Tnixxi Ħalib u Għasel

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Joe Fenech*

L-għasel hu prodott ġej min-natura, taħdmu n-naħla bieżla u ssoffu minn varjetà ta' fjur u żahar. L-għasel hu prezzjuż, tajjeb u mediċinali. L-għasel hu mfaħħar ukoll fil-Kelma ta' Alla. L-istess Art Imqaddsa kienet deskritta bħal art li tnixxi ħalib u għasel - mela art għammiela fejn hemm meded ta' ħdura, merħliet u naħal jimraħ qalb il-fjuri. Hekk hi Kelmet il-Mulej.



## Il-Kmandamenti f'Tagħlim ta' San Tumas T'Akwinu

*Preżentazzjoni ta' Mons Isqof Frendo flimkien mal-mistieden permanenti Fr Antoine Borg*

Alla ta l-għaxar kmandamenti lil Mosè, jiġifieri għandhom storja ta' aktar minn tlett elef sena. Illum, dawn il-kmandamenti għad għandhom valur, jew huma ordnijiet li issa għadda żmienhom, u nistgħu ngħaddu mingħajrhom? Alla għaliex rabatna b'dawn il-kmandamenti? Mhumiex jillimitawlna l-libertà? San Tumas miet seba mija u ħamsin sena ilu. It-tagħlim tiegħu fuq il-kmandamenti għad għandu importanza, jew għadda żmienu?



## Relazzjonijiet

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Claudia Cini u Dun Victor Agius, Direttur ta' Missio Malta*

F'din is-sensiela Claudia u Dun Victor ser jaqsmu mas-semmiegħa diversi ħsibijiet u punti li jgħoddu għall-ġurnata tal-lum. Dak li nagħmel mal-oħrajn nagħmlu ma' Ġesù. Missjunarju jħalli kollox warajh u jmur f'pajjiż ieħor, bogħod minn art twelidu. Diversi mistednin se jaqsmu l-esperjenza tagħhom li tkun marbuta mal-ħsieb.

# *Grazzi tas-sapport tiegħek lil Radju Marija!*

## *Biex tgħin lil Radju Marija jkompli l-missjoni tiegħu ta' evanġelizzazzjoni, inti tista':*

Tħalli d-donazzjoni tiegħek fir-reception ta' Radju Marija -
40, Triq San Vinċenz Ferreri, ir-Rabat, Malta, fil-ħinijiet tal-ftuħ.

Tibgħat donazzjoni b'sms:
5061 8063 għal donazzjoni ta' €4.66
5061 9278 għal donazzjoni ta' €11.65

Tibgħat donazzjoni billi ċċempel:
5160 2046 għal donazzjoni ta' €10.00
5170 2019 għal donazzjoni ta' €15.00
5180 2047 għal donazzjoni ta' €25.00
5190 2091 għal donazzjoni ta' €50.00

Tibgħat ċekk pagabbli lil Radju Marija
Malta – Kaxxa Postali 19 RBT 1230

Tiddepożita donazzjoni fil-kontijiet ta' Radju Marija f'dawn il-banek:

**BOV IBAN:**
MT09VALL2201 3000 0000 1460 9142 012
Numru tal-Kont: 1460 9142 012

**APS IBAN:**
MT31APSB7705 7006 0638 2000 0834 148
Numru tal-Kont: 2000 0834 148

**HSBC IBAN:**
MT05MMEB4458 7000 0000 5803 0875 050
Numru tal-Kont: 0580 3087 5050

Tagħti donazzjoni lil Radju Marija permezz
tal-BOV Mobile App bin-numru 79453107.

*Grazzi*

*Minn qalbna nirringrazzjawkom tal-appoġġ kontinwu tagħkom. Jalla l-Mulej u Ommna Marija jbierku lilkom u l-familji tagħkom għal mitt darba aktar.*

# Servizzi offruti minn Radju Marija

## Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, u kull nhar ta' Sibt fit-8.00am biss.

Importanti li l-avviżi jiġu ppreżentati fir-Reception ta' Radju Marija fil-ħinijiet tal-ftuħ.

Min jippreżenta l-avviż irid ukoll jippreżenta l-karta tal-identità. Ma jiġux aċċettati avviżi permezz tat-telefon.

## Avviżi komunitarji mxandra kuljum fuq Radju Marija

Il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom huma mistiedna biex jibgħatu l-avviż sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel fuq info.mal@radiomaria.org

L-attivitajiet għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija meta u kemm-il darba jixxandar l-avviż.

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

40, Triq San Vinċenz Ferreri,
ir-Rabat, Malta RBT 2503

+356 2145 3105

info.mal@radiomaria.org

Radju Marija Malta

www.radjumarija.org

VO/1584